**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 15 ta' April, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Philip Grech, detentur tal-Karta tal- Identità bin-numru 541454M.**

***Kumpilazzjoni Nru. 527/2015***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Philip Grech u ċioè talli:

F'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Lulju, 2013:

1. Fil-kariga tiegħu bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew imġjieġ tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom ma kellux jedd u dan sabiex naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.

2. Assocj ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt go xi parti ta' zona ristretta ta' gewwa l-ajruport minghajr il-permess tal-Kap tas-Sigurta` fl-Avjazzjoni, u tal-awtorita` responsabbli ghal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew ta' persuna li tagixxi f'isem dak il-Kap jew dik l-awtorita`, u skond kull kondizzjoni li

bis-sahha taghha ikun ghal dak iz-zmien inhareg dak il-permess (Prezenza mhux awtorizzata f'zona ristretta ai termini tal-artikoli 11(1)(a) u 12 tal-kapitolu 405 tal-Ligijiet ta' Malta) f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.

3. B'xi mod li kien, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jasqmu mal-ħatra tal-esperti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Rat illi waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fid-9 ta' Frar, 2016.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu li ma kienitx wahda bikrija, tal-fatt li dawn l-akkuzi jirrisalu ghal 2013 fejn ma jistghax jinghad li d-dewmien kien attribwibbli lill-akkuzat u tal-fedina penali xejn inkwetanti tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni wkoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal tal-Probation.[1]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 42(d), 48A u 115(1)(b)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikoli 11(1)(a), 12 u 17 tal-Att dwar s-Sigurta` fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Civili, Kapitolu 405 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Philip Grech taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita`.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, kif rakkommandat fir-rapport rilaxxjat mill-istess Ufficjal tal-Probation u dan ghall-perijodu ta' hamsa u sittin (65) siegha kif qed jigi speċifikat fl-ordni.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

[1] **Dok. MFS** a fol. 173

A tenur tas-sub inciz (5) ta′ l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta′ l-Ordni ta′ Servizz fil-Komunita′ lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta′ l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Inoltre`wara li rat l-artikolu 119 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta′ l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Inolte` wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta′ din il-Qorti l-ammont ta′ seba mija tnejn u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu **(€742.76c)** rapprezentanti spejjez peritali.[2]

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, tordna **l-konfiska** tal-oggetti kollha esebiti.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[2] Dan l-ammont ma jinkludix spejjez tal-esperti medici: **Dok.SC** a fol.119 u **Dok. MSX** a fol.134